MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 11/2007

**Catherine Ripard.**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Philip Farrugia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Catherine Ripard datat 6 ta' Dicembru 2007 a fol. 2 tal-process fejn esponiet:-

Illi l-appellanti ressqet appell fil-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar fejn issottometta s-segwenti:

Illi l-applikant Philip Farrugia kien applika biex jikkonstruwixxi *agriculture store* u itella' *boundary wall* fl-ghalqa fi Sqaq in Nixxief, Zebbug.

Illi hija kienet ghamlet l-oggezzjoni taghha u r-rapprezentazzjonijiet taghha bil-miktub f’dawn il-proceduri.

Illi b’decizjoni tad-DCC tat-28 ta’ Gunju 2000 l-applikazzjoni tal-imsemmi Philip Farrugia giet rifjutata.

Illi jidher illi wara diversi talbiet tieghu ghal ‘*reconsideration*’ b’decizjoni tat-12 ta’ April 2000 l-applikazzjoni giet finalment approvata.

Illi l-appellanti saret taf b’din id-decisjoni tar-‘*reconsideration*’ biss fl-10 ta’ Mejju 2002 peress illi d-decizjoni ma gietx komunikata lilha.

Illi hija hassett ruhha aggravata b’din id-decizjoni u qed tinterponi appell mill-istess.

Illi l-aggravji huma s-segwenti:

Illi l-ghalqa mertu ta’ dawn il-proceduri tappartjeni lill-appellanti. Missier l-applikant li kien jismu wkoll Philip Farrugia kellu l-ghalqa in kwistjoni imqabbla lilu minghand l-appellanti u l-antenati taghha. Wara l-mewt ta’ missier l-applikant, ha l-ghalqa f’idejh l-applikant Farrugia li pero` telaq l-ghalqa kompletament u halliha zdingata u mitluqa. L-appellanti ipprocediet fil-Bord li Jirregola l-Keri tar-Raba’ biex titlob l-izgumbrament tal-applikant mill-ghalqa in kwistjoni. Dawn il-proceduri ghadhom pendenti u jinsabu differiti ghall-25 ta’ Ottubru 2002 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kiri tar-Raba’ presjedut mill-Magistrat J. Apap Bologna.

Illi l-appellanti *qua* proprjetarja tal-ghalqa qatt ma tat il-kunsens taghha biex huwa jaghmel xi zvilupp fuqha.

Illi *inoltre* u bla pregudizzju l-appellanti qieghed anke toggezzjoni minhabba konsiderazzjonijiet estetici.

Illi l-applikant huwa ‘*civil servant*’ u huwa ghalhekk evidenti illi m’hijiex l-intenzjoni tieghu illi huwa dak propost bhala ‘*agriculture store*’ ghall-agrikultura. *Una volta* illi

huwa m’ huwiex qieghed jaghmel uzu minn din l-ghalqa ghal skopijiet ta’ agrikultura zgur illi dan m’ghandux bzonn genwin ghal tali struttura skont il-*policy* relattiva li tirregola strutturi bhal dawn.

Illi zgur illi l-iskop tal-applikant huwa illi jinki lill-appellanti u biex jibni struttura fl-ghalqa mhux ghal skop agrikolu pero` biex juzaha ghall-vantagg tieghu fil-kawza li hemm pendenti fil-Bord li Jirregola l-Kiri tar-Raba’.

Illi l-appellanti tablet dak il-Bord ihassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni tat-12 ta’ April 2002 fis-sens illi jichad l-applikazzjoni ghall-permess sottomess minn Philip Farrugia.

Illi fir-risposta ghall-Appell l-Awtorita` ta’ Malta Dwar l-Appell u l-Ippjanar issottomettiet:-

Illi fl-ewwel lok l-appell hu null *stante* li l-appellanta kellha sal-5 ta’ Lulju 1998 biex taghmel oggezzjonijiet fuq ragunijiet ta’ ippjanar. Izda dawn saru b’ittra datata 13 ta’ Lulju u ghaldaqstant tilfet id-dritt li issa tappella.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm l-ittra tat-13 ta’ Lulju, kif ukoll l-istess appell qed jibbaza l-appell fuq il-fatt li bhala sid hi kellha taghti bilfors il-kunsens qabel il-hrug tal-permess. Illi dan ma jirrizultax li hu necessarju mil-ligi u ma hemmx interess guridiku li jigi attakkat il-permess *stante* li l-istess inhareg “*saving third party rights*” u kull zvilupp li jsir b’permezz tal-istess permess, jekk hemm in-necessita` tal-permess tas-sid, jista’ (skont l-istess permess) isir biss jekk jinghata tali permess tas-sid.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, ghandhom jispjegaw l-istess *Chairman* tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp, Victor Torpiano u l-membri l-ohra tal-Kummissjoni ghaliex l-istess permess hu gustifikat.

Ghaldaqstant l-istess appell ghandu jigi dikjarat null.

Illi b'decizjoni preliminari tas-26 ta' Settembru 2003 il-Bord tal-Appelli Dwar l-Ippjanar laqa' l-eccezzjoni preliminari u astjena milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

Illi din id-decizjoni preliminari giet dikjarata nulla u giet revokata u mhassra b'decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-18 ta' Novembru 2004 (Appell 22/03RCP).

Illi b'decizjoni ohra preliminari tal-Bord tal-Appelli Dwar l-Ippjanar tal-20 ta' Lulju 2005 il-Bord cahad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u *una volta* din hija materja deciza, l-Bord astjena milli jerga' jesprimi ruhu fuq l-istess eccezzjoni.

Illi b'decizjoni ohra tal-Bord tal-Appelli Dwar l-Ippjanar tat-30 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet premessi l-Bord cahad l-appell u kkonferma l-permess PA 3445/98 mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp skont il-kundizzjonijiet minnha mposti.

Illi l-appellanti hasset ruhha aggravata minn din id-decizjoni u qed tinterponi umli appell.

Illi l-aggrvji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fin-nullita` tad-decizjoni appellata u dan ghaliex l-okkju rapportat fid-decizjoni u kif allura kellu jigi citat f'dan ir-rikors ta' appell ma jirriflettix l-okkju ta' dawn il-proceduri. Ghandu jirrizulta mill-process relattiv ta' dawn il-proceduri illi Philip Farrugia qatt ma gie kjamat in kawza pero` kellu jkun appellat iehor flimkien mal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Philip Farrugia, l-applikant tal-permess in kwistjoni, dejjem kien jifforma parti minn dawn il-proceduri.

Illi t-tieni aggravju, dejjem minghajr pregudizzju ghal dawk hawn fuq premessi, jikkonsisti mill-fatt illi l-Bord ghamel apprezzament hazin tal-ligi meta cahad l-aggravju tal-appellanti fejn din kienet ilmentat illi hija, *qua* sid, qatt ma

kienet tat il-kunsens taghha biex jinhareg il-permess fuq l-ghalqa in kwistjoni.

Illi kif gie ampjament spjegat fl-affidavit tal-appellanti ppresentat quddiem il-Bord, meta Philip Farrugia applika ghall-permess dan ghamlu fuq formola zbaljata ghaliex huwa applika bhala s-sid meta s-sid m'huwiex. Fil-fatt Farrugia applika bic-certifikat “A” – dik intiza ghas-sid. Wara li Farrugia ppresenta l-applikazzjoni tieghu bic-certifikat “A” imbaghad induna bl-izball u ppresenta certifikat “B”. Pero` r-regolamenti tal-M.E.P.A. jghidu illi certifikat “B” trid tintbagha qabel l-applikazzjoni u wara li tigi notifikata lis-sid imbaghad issir l-applikazzjoni flimkien mal-prova tan-noftifika. Kull ma rceviet l-appellanti kien ittra datata 20 ta' Gunju 1998 pero` dan hafna wara li giet ipprezentata l-applikazzjoni ta' Philip Farrugia u mhux qabel kif jipprovdu r-regolamenti. Fil-fatt jirrizulta illi l-aplikazzjoni relattivi u kopja tan-*notice* u ta' *certificate* “B” li kellhom jigu sottomessi mill-applikant flimkien mal-applikazzjoni tieghu gew esebiti flimkien mal-affidavit tal-appellanti quddiem il-Bord.

Illi dan *nonostante* l-Bord deherlu li jichad dan l-aggravju minghajr ma ta ragunijiet ghalfejn deherlu li hekk kellu jaghmel.

Ghaldaqstant l-appellanti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella d-decizjoni tat-30 ta' Novembru 2007 fl-ismijiet premssi moghtija mill-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar u jew tibghat l-atti lura lill-Bord ghall-kontinwazzjoni tal-proceduri skont il-ligi jew inkella tilqa' l-aggravji tal-appellanti mressqa quddiem l-istess Bord u konsegwentement tirrevoka l-permess mahrug fuq talba ta' Philip Farrugia bl-ispejjez kontra l-appellati.

Rat ir-risposta ta' l-appellat Philip Farrugia datata 28 ta' Dicembru 2007 a fol. 8 tal-process fejn espona bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament b'referenza ghall-ewwel aggravju mressaq mill-apellanti Catherine Ripard, l-esponenti jirrileva li dan l-aggravju diga` gie sollevat u trattat minn

din l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza datata 18 ta’ Novembru 2004, fl-ismijiet **“Catherine Ripard vs l-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u Paul Baldacchino”**. Sussegwentement ghal din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar issana l-izball li kien hemm fl-okkju, u ippronuncja zewg sentenzi ohra, u cioe` wahda fl-20 ta’ Lulju 2005, fl-ismijiet **“Catherine Ripard vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp”** u sentenza ohra, datata 30 ta’ Novembru 2007 fl-ismijiet **“Catherine Ripard vs L-Awtorita` ta’ Malta l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Philip Farrugia”.**

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess l-aggravju mressaq mill-appellanti f’ dan l-istadju inoltrat tal-proceduri, huwa wiehed vessatorju u irritu, u ghalhekk is-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“Catherine Ripard vs L-Awtorita` ta’ Malta l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Philip Farrugia”** tisthoqq li tigi konfermata fl-*intier* taghha. *Inoltre*, is-sentenza li minnha qieghed jigi intavolat l-appell odjern tistabbilixxi stat ta’ fatt bejn il-partijiet, u l-izball li kien jezisti precedentement fl-atti tal-proceduri llum il-gurnata gie issanat, u tali stat ta’ fatt li gie stabbilit mis-sentenza li qieghed isir l-appell odjern, ma ghandux jigi disturbat.

2. Illi b’ referenza ghat-tieni aggravju mressaq mill-appellanti Catherine Ripard, dan l-aggravju huwa ghal kollox irritu u vessatorju *stante* li dan l-aggravju gie mressaq mill-istess appellanti *ad nauseum* f’ kull appell li hija intavolata f’dawn il-proceduri, u tali aggavju gie kull darba rigettat. Il-kunsens tas-sid qabel il-hrug tal-permess ma jirrizultax li huwa necessarju mil-Ligi u ma hemmx interess guridiku li jigi attakkat il-permess *stante* li l-istess permess jinhareg ‘*saving third party tights*’. *Di piu`*, l-argumentazzjoni tal-appellanti rigwardanti dan l-aggravju, u senjatment cioe` li l-esponenti applika ghall-permess fuq formola zbaljata, ghaliex huwa applika bhala s-sid, meta effettivament huwa ma huwiex is-sid, din l-argumentazzjoni diga` trattat fis-sentenza tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 20 ta’ Lulju 2005, fl-ismijiet **Catherine Ripard vs Il-Kummissjoni ghall-Kopntroll**

**tal-Izvilupp**, u ghalhekk *ormai* llum l-gurnata tali punt huwa ghal kollox sorvolut.

Ghaldaqstant *in vista* tal-premess, l-esponenti filwaqt li jaghmel referenza ghal provi gia` prodotti, u jirriserva li jgib dawk il-provi kollha permessibbli mil-Ligi f'dan l-istadju, jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellanti Catherine Ripard, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 30 ta' Novembru 2007, bl-ispejjez kollha kontra l-istess appellanti.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 15 ta' Frar 2008 a fol. 11 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Catherine Ripard vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-Bord.

Rat ir-riposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, ghar-rikors tal-appell ta' Catherine Ripard, data 12 ta' Gunju 2008 a fol. 16 tal-process fejn esponiet:-

1. Illi l-ewwel aggravju li ssollevat l-appellanti, u cioe` li l-okkju mhux tajjeb ghaliex l-applikanti ma kellux ikun kjamat fil-kawza izda parti, jinghad li dan ma jistax ikun ghaliex l-appell ta' terzi kollha jkunu kontra d-decizjonijiet tal-Awtorita` u mhux tal-applikanti u ghalhekk l-applikanti ma jistghu qatt ikunu parti fl-appell izda biss kjamati.

2. Illi a rigward tat-tieni agravju u cioe` dak illi l-appellanti qatt ma tat il-kunsens taghha *qua* sid, jinghad illi kif qalet l-Awtorita` fl-appell quddiem il-Bord tal-Appelli u kif iddecieda l-Bord stess korrettement, dan mhux rikjest mil-Ligi. Illi l-appellanti kellha kull cans taghmel l-oggezzjonijiet taghha u fihom qalet li ma kinetx qed taghti l-kunsens taghha, izda l-Awtorita` esponenti qatt ma tista' tiddiskrimina bejn parti u ohra u tiddeciedi illi parti hija sid a skapitu tal-iehor. Hija mhijiex Qorti li tista' tiddeciedi dawn il-materji. Ghaldaqstant il-Bord kien korrett fid-decizjoni tieghu.

3. Illi a rigward dak li ntqal fuq ic-Certifikat “A” u “B”, dan l-aggravju ma giex imqajjem quddiem il-Bord u wisq anqas deciz.

*In vista* tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata tletin (30) ta’ Novembru 2007 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-Lig, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appaellanti Catherine Ripard, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-tletin (30) ta’ Novembru 2007, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma fit-18 ta’ Gunju 2008 u tal-20 ta’ Novembru 2008 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. David Camilleri ghall-appellanti, Dr. Claire Zammit Stafrace u Ivor Robinich ghall-awtorita` intimati u Dr. Charmaine Cherrett ghall-kjamat in kawza. Id-difensuri tal-appellat b’noti ghandhom jesebixxu fi zmien tletin (30) gurnata minn dan il-verbal is-sentenzi li ghamlu referenza ghalihom. L-appell giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Frar 2009.

Rat in-nota tal-appellat Philip Farrugia datata 27 ta’ Novembru 2008 (fol. 20) li permezz taghha pprezenta 3 dokumenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appellanti Catherine Ripard ipprezentat appell ta’ terz ghall-permess ta’ zvilupp li nhareg favur l-applikant Philip Farrugia mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp sabiex jibni *“agricultural store”* u jtella *boundary wall* fl-ghalqa ta’ Sqaq Nixxief, Zebbug.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti ghad-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar datata 30 ta’ Novembru 2007

hija fis-sens li l-okkju huwa zbaljat ghaliex l-applikant Philip Farrugia kellu jigi ndikat bhala *parte* u mhux bhala kjamat fil-kawza.

Illi l-Qorti thoss li dan l-aggravju mhux gustifikat u dan peress li jidher li wara d-decizjoni ta' din il-Qorti datata 18 ta' Novembru 2004, l-isem ta' l-applikant Philip Farrugia gie ndikat bhala kjamat fil-kawza u la darba l-kjamat fil-kawza huwa konsiderat bhala parti fil-kawza (jew f'dan il-kaz fil-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar), mela allura l-okkju tal-kawza u tad-decizjoni moghtija mill-Bord hija korretta.

Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens li l-appellanti qed isostni li hija ma kienitx tat il-kunsens sabiex tali xoghol isir u allura ma' jistax johrog tali permess. Tidher li qed tghid ukoll li l-permess tal-applikant huwa null ghaliex l-ewwel l-applikant applika taht ic-certifikat "A" li jindika li huwa sid fid-29 ta' Mejju 1998 , u kien biss wara li l-istess applikant uza c-certifikat "B", li jindika li huwa mhux is-sid, tant li hija giet notifikata bl-istess s'intendi wara, u allura qed tghid li la darba l-istess applikant ma uzax mill-ewwel ic-certifikat "B" mela allura tali permess huwa null.

Illi dan l-aggravju wkoll ma huwiex gustifikat u dan peress li ma jirrizultax mil-ligi li l-hrug ta' permess ghall-izvilupp mill-Awtorita' huwa marbut mal-ghoti tal-kunsens tas-sid ta' l-art *de quo* ghal tali zvilupp. Fil-fatt dan ma jirrizultax mill-Kap 356. Fil-fatt l-ghoti tal-kunsens tas-sid jista' jkun relevanti f'relazzjoniijiet dwar drittijiet ta' natura civili, izda mhux fi proceduri hrug ta' permessi ta' zvilupp, tant li l-istess permessi, u dan in partikolari hargu dejjem *"saving third party rights"* u f'dan il-kaz jinghad specifikatament ukoll li:-

*"This development does not remove or replace the need to obtain the consent of the land/owner to this development before it is carried out…….".*

Illi fil-fatt il-kompitu ta' Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar huwa li jikkonsidra l-ghoti jew le ta' permessi ta' zvilupp skont il-pjanijiet ta' zvilupp u l-*policies* ta' l-ippjanar, u dan

kollox kif provdut fl-**artikolu 33 tal-Kap 356.** Jinghad ukoll li oggezzjonijiet ghal tali zvilupp jistghu jsiru fuq kwistjonijiet ta' ppjanar skont l-**artikolu 32** tal-istess kap, b'dan li kwistjonijiet ta' natura dritt civili jesorbitaw mill-kompetenza tal-istess Bord. Dan huwa wkoll konfermat bid-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1) (d) (iv)** li jipprovdi li *'terza persuna interessata ghandha tissottometti argumenti gustifikati b'ragunijiet ibbazati fuq konsiderazzjonijiet ta' ppjanar sabiex tiggustifika l-appell taghha".* Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi rifjutat.

Illi dwar l-aggravju li l-applikant l-ewwel applika bic-certifikat "A" intiz ghas-sidien u kien biss wara li uza c-certikat "B" li huwa intenzjonat ghall-persuni li ser jaghmlu zvilupp li ma humiex sidien tal-art fejn ikun ser isir dan, jinghad li dak li huwa rikjest skont l-**artikolu 32 (3)** huwa li *"min japplika ghall-permess ghall-izvilupp ghandu jiccertifika lill-Awtorita' li huwa s-sid ta' l-art jew li avza lis-sid bl-intenzjoni li japplika b'ittra registrata li l-Awtorita' tkun rceviet kopja taghha".*

Illi jirrizulta li kienet saret applikazzjoni mill-applikant bhal sid fid-29 ta' Mejju 1998 fuq Certifikat "A", izda jidher li dan gie retifikat billi f'Gunju 1998 gie prezentat mill-applikant ic-Certifikat "B" u l-appellanti giet notifikata bl-istess skont kif jidher mir-rikors tal-appellanti odjern, u wkoll mis-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar f'dan l-istess kaz datat 20 ta' Lulju 2005, tant li l-appell ta' l-istess appellanti li sar quddiem il-Bord wara li hija giet notifikata bl-istess ittra mill-applikant, gie permess proprju bis-sentenza preliminari hawn appena citata tal-istess Bord (fol. 35) tal-20 ta' Lulju 2005. B'hekk din il-Qorti thoss li l-hrug tal-permess kien wiehed regolari u dan ghaliex jirrizulta li d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 (3) tal-Kap 356** ilhom *ormai* sodisfatti snin ilu, tant li l-istess appellanti kellha kull oppotunita' li tkun informata b'kull zvilupp propost, giet hekk informata skont il-ligi, u inghatat l-opportunita' kollha li toggezzjona ghall-tali zvilupp. Jinghad ukoll li imkien ma jidher li sar appell minn din is-sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 20 ta' Lulju 2005, tant li l-appell odjern huwa limitat ghad-decizjoni tal-istess Bord datata 30 ta' Novembru 2007 li

kienet titratta dwar konsiderazzjonijiet ohra kif jidher mill-istess decizjoni, u certament mhux fuq dan il-punt. B'hekk anke dan l-aggravju qed jigi respint.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Awtorita' appellata datata 12 ta' Gunju 2008, u r-risposta ta' Philip Farrugia datata 28 ta' Dicembru 2007 biss in kwantu l-istess hija konformi ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tal-appellanta Catherine Ripard fir-rikors tal-appell taghha datat 6 ta' Dicembru 2007,** *stante* li huwa infondat kif fuq deciz u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Catherine Ripard vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat fil-kawza Philip Farrugia"** datata 30 ta' Novembru 2007.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu tal-appellanti Catherine Ripard.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------